# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Dicembru 2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 1165/99mm**

**Joseph Aquilina**

**vs**

**Rosario Carabott**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fit-30 ta' Lulju 1999 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' erba mija tmienja u tmenin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm488.75c) rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' njam u kostruzzjoni ta' njam fuq lanca bl-isem 'M tal-Grazzja' proprjeta' tal-konvenut, kif kummissjonat minnu bl-imghax legali mid-data tat-tmiem ix-xoghol imsemmi u bl-ispejjez ta' l-ittra ufficjali ghall-ammont ta' (Lm15.00c) datata 11 ta' Mejju 1999 u tal-mandati kawtelatorji ta' sekwestru u qbid datati 16 ta' Lulju 1999.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok u minghajr pregudizzju ghas-segwenti, l-intempestivita' tal-procedura odjerna stante illi l-partijiet kienu lehqu ftehim dwar l-ammont dovut u ghalhekk il-konvenut m'ghandhux ibaghti l-ispejjez ta' din l-istess procedura u ebda imghaxijiet rikjesti mill-attur.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-segwenti, l-gudizzju mhux integru stante illi din il-procedura ghandha tkun diretta wkoll kontra dawk il-persuni li flimkien mal-konvenut, kienu kkummissjonaw ix-xogholijiet in kwistjoni.

3. Illi l-ammont pretiz mhux dak dovut u dan kif ser jigi pruvat ahjar waqt il-procedura odjerna.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza li hemm bejn il-partijiet hija dwar ir-rata ta' hlas illi l-attur kellu jiehu ghal xoghol li esegwixxa fuq lanca tal-konvenut fuq inkarigu tieghu.

L-attur  qieghed jitlob ic-cifra totali ta' erba mija tmienja u tmenin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm488.75c). Ta' min ighid illi

din ic-cifra mhijiex korroborata b'xi rendikont jew *statement* biex jiggustifika tali pretenzjoni.

Il-konvenut minnaha l-ohra zamm *record* tal-granet u l-hinijiet illi l-attur hadem fuq il-lanca tieghu, liema *record* jinsab esebit a fol 22 tal-process. Rigward ir-rata ta' hlas illi kellu jircievi l-attur ma jidhirx illi hemm kwistjoni bejn il-partijiet. Dawna jaqblu illi r-rata kellha tkun ta' ghoxrin lira (Lm20.00) kulljum. Barra minn hekk il-materjal kellu jkun akarigu tal-konvenut, kif ukoll it-trasport tal-materjal mill-lanca ghal garage ta' l-attur, fejn kellu jsir xi xoghol.

L-ilment principali tal-konvenut huwa dwar id-dewmien u l-metodu ta' xoghol illi kien qieghed juza l-attur. Il-konvenut ippretenda illi l-attur kellu jibda x-xoghol, ikomplieh hdejn il-lanca stess u jitwahhal fil-post. L-attur pero' ma wzax din is-sistema. Kien jigi u jmur mill-garage ghall-lanca u b'hekk kien jahli hafna zmien.

Il-Qorti jidhrilha illi x-xhieda moghtija mill-konvenut u ibnu hija wahda veritjera u hija konvinta illi l-attur ipprova japprofitta minnhom. Hemm diversi sistemi x'wiehed jista juza fuq dan it-tip ta' xoghol, biex jithaffef u ma jkunx ta' dannu, la ghal min qieghed jahdem, u lanqas ghal min qieghed jircievi x-xoghol. Bir-ragun il-konvenut kien qieghed jinsisti ma' l-attur biex ihaffef kemm jista jkun, peress illi l-lanca taghhom kienet qed tokkupa parti mill-*slipway* tal-bajja ta' Marsaxlokk, liema *slipway* kellha tintuza minn sajjieda ohra. Minkejja l-insistenza tal-konvenut sabiex l-attur ihaffef ix-xoghol, dana ma' tax kaz u kompla miexi bir-rata li ried hu. Ir-rendikont esebit mill-konvenut a fol 22 huwa

wiehed ta' min joqghod fuqu, u l-Qorti lesta illi tikkoncedi illi dawna huma l-hinijiet u l-granet illi l-attur hadem fuq il-lanca tal-konvenut. Minnnaha l-ohra l-attur kullma ghamel kien biss, li pprezenta cifra minghajr korroborazzjoni ta' xejn. Ma ghamel l-ebda rendikont jew statement biex jiggustifika t-talba tieghu, jew b'xi mod iehor ipprezenta certifikat jew dokument sabiex juri li x-xoghol effetivament sar ghac-cifra minnu ndikata. Naturalment meta l-Qorti issib li dak id-dokument esebit a fol 22 ma kienx kontestat mill-parti l-ohra, allura m'ghandhiex triq ohra hlief li taccetah bhala veritjer u ghalhekk il-Qorti ser tibbaza d-decizjoni taghha fuq dan id-dokument.

Kif gia nghad, il-partijiet qablu illi r-rata illi kellu jithallas biha l-attur kienet ta' ghoxrin lira (Lm20.00) kulljum. Irrizulta ampjament ippruvat fuq sodisfazzjon tal-Qorti illi l-attur hadem biss sittax-il gurnata (16) li bir-rata ta' ghoxrin lira (Lm20.00) kulljum igibu l-ammont ta' tlett mija u ghoxrin lira (Lm320.00). Hija din l-ahhar cifra illi ghandha tithallas lill-attur.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut li jhallsu l-ammont ta' tlett mija u ghoxrin lira (Lm320.00) rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' njam u kostruzzjoni ta' njam fuq lanca bl-isem 'M tal-Grazzja' proprjeta' tal-konvenut, kif kummissjonat mill-konvenut.

Bl-ispejjez illi ghandhom jithallsu kwantu ghal zewg terzi (2/3)mill-konvenut u terz (1/3) mill-attur.

Anthony Zammit

Dep Reg